**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 13 ta'April 2021;**

**Rikors nru: 90/2021 AGV ;**

**AB**

**Vs**

**CDB E**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB ,** datat 8 ta' Marzu 2021 fejn espona bir-rispett u kkonferma ;

1. Illi l-esponenti jiddikjara illi l-partijiet fil- kawza de quo zzewwgu fit- 28 ta' Lulju 2012 ( ara certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok A);

2. Illi minn daz-zwieg il-partijiet kellhom wild bl-isem ta' FB mwielda fit- 3 ta' Marzu 2014;
3. Illi l-partijiet ssperaw permezz ta' att pubbliku datat 12 ta' Frar 2020 ippubblikat fl-atti tan-Nutar James Grech (ara kuntratt anness mmarkat Dok B) u madankollu il-partijiet fil-fatt ilhom separati de facto ghal aktar minn 4 snin;
4. Illi ma hemm ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante li issa ilhom diversi snin jghidu hajja indipendenti minn xulxin ;
5. Ili l-partijiet ma jivversaw ebda manteniment fil-konfront ta' xulxin;
6. Illi l-attur jivversa s-somma ta' €300 Ewro fix-xahar ghall-mateniment tal-minuri, liema manteniment jizdied skont l-indici tal-gholi tal-hajja;
7. Illi l-partijiet ma ghandhom ebda propjeta' in komuni;
8. Illi dal-fatti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikoli 66 B tal-Kodici Civili, tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta.

**Ghaldaqstant, fid-dawl tal-fatti hawn esposti l-esponenti umilment titlob lil din Onorabbli Qorti sabiex joghgobha;**

Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex huwa jirregistra l-istess.

**Il-Qorti rat ir-risposta ta' CDBE datata 9 ta' April 2021 fejn esponiet bir-rispett;**

1. Illi l-esponenti tikkonferma li l-partijiet zzewwgu fit- 28 ta' Lulju 2012 li miz-zwieg kellhom wild bl-isem ta' FB li ghadha minorenni;
2. Illi b' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar James Grech fit- 12 ta' Frar 2020 liema kuntratt qed jigi hawn aness u mmarkat Dok GJ 2 , il-partijiet bonarjament isseperaw minn xulxin, dan kollu wara li gew debitament awtorizzati mil-Qorti ta' Malta b 'digriet moghti fil- 15 ta' Jannar 2019 ;
3. Illi fil-kuntratt hekk ippublikat gie dikjarat b' mod car li l-partijiet ilhom seperati fil-fatt minn Marzu 2017;
4. Illi l-esponenti tikkonferma li l-partijiet ilhom de facto seperati ghal aktar minn 4 snin u dan kif dikjarat f' paragrafu (b) tal-kuntratt ta' separazzjoni;
5. Illi inoltre' ma hemm ebda prospett ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Illum qed jghixu hajja totalment separata minn xulxin;
6. Illi inoltre tikkonferma li fil-kuntratt ta' separazzoni il-partijieti ddekadew mil-obbligu tal- manteniment reciproku, u ghalhekk ebda manteniment m' hu dovut f' dar-rigward.
7. Illi l-esponenti tikkonferma li ma hemmx kwistjoni ta' manteniment versu il-minorenni;
8. Illi s-suespost qed jigi konfermat fl-anness affidavit hawn mmarkat Dok A;
9. Illi ghalhekk permezz ta' dir-risposta l-esponenti qed tiddikjara li qed taqbel mat-talbiet fir-rikors promutur.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**